**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħa u Sebghin (74)**

**6 t'Ottubru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier
Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada – Vici Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

74.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra t'apoloġija tal-Viċi Sindku Stefan Bajada ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' xogħol.

74.1.2 Il-Kunsilliera prezenti unanimament aċċettaw din l-ittra t'apoloġija.

**74.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tas-17 t'Awwissu 2023**

74.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħat numru 72 u 73 (mingħajr quorom) li saru nhar il-Ħamis 17 ta' Awwissu 2023 u fis-26 ta' Settembru rispettivament fl-ufficcju amministrattiv.

**74.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

74.3.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi nstallata sistema tas-CCTVs mal-post amministrattiv fi Triq It-Tiġrija li minnu qed jopera l-Kunsill Lokali preżentament kif ukoll tinxtara camera li tkun tista' titħarrek minn post għall-ieħor skont l-esiġenza biex b'hekk ikunu jistgħu jinqatgħu ċerti abbużi. Il-membri preżenti unanimament qablu ma' dan waqt li d-deputat segretarju ħadet nota biex tibda l-proċess ta' tendering.

74.3.2 Is-Sindku għamel referenza għal-Ta' Kazzol, triq tas-siment li qasmet kollha u għandha bżonn manitenzjoni. Il-Kunsill iddiskuta l-periklu li fiha din it-triq u kien hemm qbil li tintbagħat talba lill-Ministeru t'Għawdex fuq l-istat ħażin ta' din it-triq.

*5.10pm Il-laqgħa ġiet ssospenduta hekk kid daħlet s-S Carmen Bajada fil-kamra.*

*5.30pm Il-laqgħa tkompliet.*

74.3.3 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill għandu jieħu parir legali fuq dak li kien għadu kif ġie diskuss mas-Sa Bajada li kienet qed tiġbed l-attenzjoni li żvilupp partikulari qrib Santa Verna kellu jitwaqqaf sakemm isiru l-istudji neċessarji biex ma jintilef l-ebda wirk storiku. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tikkuntattja lill-Avukat Claire Bonello b'mod immedjat biex tmexxi lill-Kunsill biex dan ikun jista' jmexxi bl-aħjar mod.

74.3.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Community Policing l-ġimgħa ta' qabel fejn spjega li kien hemm preżenti is-Sur Zammit, sid il-pompa tal-petril fil-pjazza akkumpanjat minn żewġ avukati. Is-Sindku spjega li dawn kienu ġew fil-laqgħa biex jiddiskutu t-triq one-way li kienet ilha għaddejja għal xhur sħaħ fejn kienu qed jitolbu kopja tar-rapport tal-istudju li kien sar mill-periti qabel ma ġie implimentat t-traffic management. Is-segratarju ħadet nota biex tieħu ħsieb titlob dan ir-rapport lill-Perit li kien responsabbli għal dan it-traffic management.

74.3.5 Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-playhouse li kien hemm fil-bandkli qabel ġie rrinovat tiġi installata fil-Belveder fejn Triq San Marsjan u qed tkun tista' titgawda. Il-Kunsill qabel ma' dan.

74.3.6 Is-Sindku stieden lill-membri kollha tal-Kunsill għal-laqgħa li kien talab mal-Ministru t'Għawdex it-Tnejn 9 ta' Ottubru fid-9.30am

## 74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

74.4.1 Il-Kunsillier Victor Curmi għamel referenza għall-istat ħażin ta'Triq Il-Knisja fejn elenka li hemm bżonn titqaxxar u tingħata kisja ġdida tarmak.

74.4.2 Il-Kunsillier Victor Curmi talab li jsir żbir fuq siġar li hemm fejn l-Għar ta' Għejżu. Is-segretarju ħadet nota ta'dan.

74.4.3 Il-Kunsillier Victor Curmi talab li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntratturi biex jieħdu ħsieb jagħmlu d-dawl mal-barriers meta jkun hemm xi xogħol ta' trenching. Dan biex jiġu evitati aċċidenti.

74.4.3 Il-Kunsillier Victor Zammit staqsa rigward meta kienet se tinfetaħ Triq Stellini. Il-Kunsillier Anthony Attard spjega li dik għadha tal-privat u ma tistax tinfetaħ qabel tiġi expropriated mill-Gvern.

74.4.4 Il-Kunsillier Zammit ġibed l-attenzjoni li fuq is-Salib tad-Dejma qed jitħallew il-pjanti mis-sidien tar-ristoranti. Is-Segretarju ħadet nota biex tinġibed l-attenzjoni tal-istess sidien biex dawn jitneħħew.

74.4.5 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa rigward il-manutenzjoni tal-bozoz u anke l-installazjoni ta' bozoz ġodda. Il-Kunsillier Curmi spjega li s-sitwazzjoni mhix aċċettabbli meta bozoz qed jieħdu xhur biex jerġgħu jinxegħlu b'ilmenti kontinwi mir-residenti. Il-Kunsill kellu jmexxi billi tintbagħat korrispondenza lir-Reġjun fejn tintalab l-intervenzjoni tar-Reġjun f'dan ir-rigward hekk kif tidher li hi problema tal-irħula Għawdxin kollha.

**74.5 Xogħlijiet fuq iċ-Ċentru Ċiviku**

74.5.1 Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq iċ-Ċentru Ċiviku kien se jibda hekk kif hu stess kien qiegħed f'kuntatt dirett mal-kuntrattur biex jibda fil-jiem li ġejjin.

**74.6 Triq Marġa**

74.6.1 Is-Sindku spjega li kien għaddej b'kuntatt mal-inġinier tad-dawl biex tkun tista' titwaqqa' l-kamra tad-dawl fl-istess triq.

74.6.2 Is-Sindku issuġġerixxa li kellha tintbagħat talba lill-Ministeru t'Għawdex biex jipprovdi ħaddiema biex isir restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ fl-istess triq. Wara li ssir il-konnessjoni tad-drenaġġ, id-drenaġġ ikun jista' jintefa' fuq il-connection il-ġdida u tkun jista' jingħata s-siment. Is-Sindku spjega li jixtieq li eventwalment joħroġ it-tender għar-resurfacing.

**74.7 Triq Marsalforn**

74.7.1 Is-Sindku rreferra għal-telefonata li kellu mill-kuntrattur fuq kontijiet pendenti fuq Triq ta' Marsalforn. Is-Sindku stqarr li dawn il-kontijiet li jmorru lura snin kienu għadhom iridu jintbagħtu lill-Kunsill, jiġu vverifikati min-naħa tal-Perit tal-Kunsill wara li ssir laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u anke l-Perit min-naħa tal-kuntrattur.

74.7.2 Is-Sindku spjega ukoll li għadu jrid isir is-survey tad-drenaġġ min-naħa tal-kuntrattur biex eventwalment tkun tista' tingħata l-aħħar passata tarmac hekk kif it-triq għadha b'passata waħda.

**74.8 Milied 2023- Kunċert tal-Milied, Tiżjin ta' Dawl għall-Milied u Attivitajiet marbuta mal-Milied**

74.8.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-kunċert tal-Milied kien ippjanat li jsir nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru fit-8.00pm skond dak li kien approvat f'laqgħa preċedenti għall-bidu tas-sena. Dan il-kunċert kien se jkun qed jidderiġġih is-Surmast Antoine Mercieca. Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsill javviċina lis-Sa Francesca Attard bħala comperé għal dan il-kunċert. Is-segretarju ħadet nota biex tiċċekkja ftit rigward l-inviti li jridu jintbagħtu għal dan il-kunċert.

74.8.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin fil-pjazza u fi Vjal it-8 ta' Settembru. Fil-pjazza kellha tintrema siġra tal-Milied bid-dwal. Is-Sindku issuġġerixxa li anke qrib il-knisja ta' Nażżarenu u Sant' Anton jkun hemm tiżjin tal-Milied.

74.8.3 Is-Sindku kkomunika li kien ġie avviċinat mill-President tal-Għaqda Milied fix-Xagħra, is-Sur Elvin Borg fejn talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex isir Christmas Market fid-9 u l-10 ta' Diċembru. Is-Sindku spjega li kien maħsub li dan il-Christmas Market isir fid-daħal tan-Nuffara fi Triq Garaffa dan biex jiġu utillizati aktar spazji fix-Xagħra li huma fi stat ta' telqa u abandun. Is-Sindku spjega li t-triq trid titnaddaf mill-inġenji li qed jkunu pparkjati hemm u anke żgombru ieħor li ħa parti sew mit-triq. Is-Sindku elenka li jixtieq li dan il-Christmas Market ikolli attrazzjonijiet bħal dawra bit-train għat-tfal per eżempju.

Waqt li l-Kunsill iddiskuta, il-Kunsillier Victor Curmi wera l-opinjoni tiegħu li l-Christmas Market kellu jintrema fil-pjazzetta fejn il-Mużew tas-subien li joffri attrazzjoni waqt żmien il-Milied. Il-Kunsillier Curmi talab li qabel jiġi deċiż il-post kellu jiġi kkonsultat il-Kunsill. Il-Kunsill għadda għall-vot fuq fejn kellu jsir il-Christmas Market bis-Sindku u l-Kunsillier Anthony Attard jivvutaw favur li jsir fi Triq Garaffa waqt li

l-kunsilliera Victor Curmi u Victor Zammit ivvutaw li dan kellu jsir fejn il-Mużew. Għaldaqstant ġie maqbul li l-Christmas Market kellu jsir fi Triq Garaffa permezz tal-casting vote tas-Sindku.

*Il-Kunsillier Victor Curmi irtira mil-laqgha fis-6.30pm.*

**74.9 Attivita' għat-tfal fil-Midterm Holidays**

74.9.1 Is-Sindku kkomunika mal-membri preżenti x-xewqa li jtella' attivita' mmirata għat-tfal b'tema tal-Ħarifa u kien qed jipproponi li tissemma' "Autumn Fest". Il-Kunsillier Anthony Attard talab li din l-attività' ma jkollha l-ebda rabta mal-festa tal-Halloween. Il-membri preżenti qablu li din l-attività' kellha ssir qrib il-festa ta' San Martin waqt li s-Sindku kellu jitkellem ukoll mal-Arċipriet anke tinżamm tema reliġjuża.

**74.10 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-Residenti**

74.10.1 Ċirkulari 16 tal-2023 – Europride Malta 2023 bid-data tat-23 t' Awwissu 2023.

74.10.2 Stedina lis-Sindku u Kunsillera għall-Programm Annwali tal-festa mtellgħa l-Banda Victory nhar il-Ħamis 31 ta' Awwissu 2023 fid-9.00 fil-Pjazza l-Vitorja.

74.10.3 Korrispondenza mill-Minisiteru t'Għawdex fejn il-Kunsilli Lokali, Parroċċi, NGOs, għaqdiet u individwi huma mistiedna biex jibagħtu l-informazzjoni dwar l-inizjattivi u l-attivitajiet li se jkunu qed jorganizzaw għal Milied. L-attivitajiet, li se jkunu organizzati bejn is-Sibt, 25 ta' Novembru 2023 u l-Ħadd, 7 ta' Jannar 2024, se jiġu inklużi fi programm wieħed li permezz tiegħu se nkunu qed nirreklamaw Iil Għawdex bħala destinazzjoni unika għall-festi tal-Milied 2023-2024.

74.10.4 Cir AKL 2023/075_Stedina lis-Sindki jew rappreżentant mill-Kunsill għal-laqgħa fuq skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f'Għawdex nhar il-Ġimgħa 01 ta' Settembru2023.

74.10.5 Ilment minn PC 625 rigward toqba fuq il-bankina quddiem il-BOV li tista' tkun ta' periklu.

74.10.6 Cir AKL 2023/077_'It's How You Make Them Feel...?' Customer Care Course 03/10/2023 immirat għall-membri kollha tal-Kunsill u anke l-istaff.

74.10.7 Cir AKL 2023/078_Contract Management and Project Implementation Course 07/11/2023

74.10.8 Imejl minn Ian Magro tal-AKL fejn il-Kunsill ġie nfurmat li wara l-assessment tal-Kunsill Anthony Attard kien qed jintalab ħlas ta' €135 biex jiġi kkoperat mill-kumpanija tal-assigurazzjoni. Il-membri preżenti unanimament qablu li dan l-ammont għandu jitħallas.

74.10.9 Ilment minn Roseanne Vella fuq Triq Ġnien Xibla fejn qed titlob l-azzjoni tal-Kunsill fuq is-sewqan eċċessiv anke jekk it-triq hi waħda dejqa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.10.10 Invit - laqgħa informattiva rigward l-iskema 'LC Care' it-Tnejn 25 ta' Settembru fl-10.00am f'Villa Arrigo, Naxxar

74.10.11 Imejl mis-Sur Carmel Borg fejn ikkritika bl-aħrax l-istat tal-latrina. Is-Segretarju wieġbet lis-Sur Borg li din il-latrina se tkun qed tiġi rrinovata mal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsil iddiskuta li hu konxju mill-istat tal-latrini u dawn se jkunu qed ikunu rrinovati fil-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

74.10.12 Korrispondenza minn Tranpsort Malta relatata mat-talba tas-Sur Carmelo Gala ta' Triq Ġnien Imrik fejn ġiet irrifjutata t-talba għal parkeġġ riservat.

74.10.13 Cir AKL 2023/079_ECAD Newsletter September '23.

74.10.14 Training Sessions by Servizzi Ewropej f'Malta in Gozo - 26th & 27th September 2023 fuq Project Development & Writing u Project Implementation.

74.10.15 Talba mill-Arċipriet Carmelo Refalo għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill f'diversi attivitajiet imtella' relatati mal-festa bit-talba tkun dik ta' €1500 għall-għaqdiet kull wieħed L-Għaqdiet imsemmija huma Għaqda Nar, Għaqda Armar, Għaqda Briju, Grupp Fund Raising u Ċentru Vokazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li l-għotjiet għandhom ikun €1,500 għal Għaqda tan-Nar u Għaqda Briju, €1000 għal Grupp Fund Raising u €500 għaċ-Ċentru Vokazzjonijiet.

74.10.16 Imejl mis-Sur Robert Muscat mill-Gozo Race Club b'informazzjoni fuq it-tlielaq tal-karozzi pjanata għall-Ħadd 24 ta' Settembru.

74.10.17 Imejl b'talba għall-ħlas minn Alda Bugeja għall-parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Kumittiva i saret fid-29 ta' Lulju f'Calypso. Talba ta' €200.

74.10.18 Talba mis-Sur George Saliba għal tabella biex ma jintremix żibel fi Triq Liberat Grech. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm din it-tabella tkun qed titwaħħal quddiem ir-residenza privata tiegħu.

74.10.19 Ilment mis-Sa Sandra Borg għan-nom tar-residenti fuq trabijiet u anke materjal mill-bini ta' flettijiet fit-tarf tat-triq. L-ilment ġie mgħoddi lil Building Regulation Office.

74.10.20 Talba mis-Sur Edward Baldacchino ta' House King Edward Terrace Triq tal Masri, Xahgra biex isiru 1m doube yellow line mad-driveway għax qed ikollu problema biex juża d-driveway ta' kuljum. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

74.10.21 Talba għan-No Objection biex tiġi rilaxxata l-garanzija fuq il-bini ta' PA05225/19 fi Triq Karkar. Ġew provduti ritratti li juri l-bankina u l-wiċċ ta' triq wara li tlesta x-xogħol. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

74.10.22 Invit mill-GRDA għal-launch tal-Gozo Regional Development Strategy il-Ġimgħa 15 ta' Settembu fl-10.30 fil-Gozo Conference & Expo Centre.

74.10.23 Kommunikazzjoni mill-PA rigward l-PA/00570/21 Gigantija Heights, Triq il-Parsott, Xaghra kien qed jiġi skedat għas-27 t'Ottubru 2023.

74.10.24 Talba għan-No Objection tal-Kunsill għar-rilaxxar tal-garanzjina fuq PA1234/19, 1649/20, 3958/22 Xaghra. Ritratti provduti. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni.

74.10.25 Imejl mill-Ministeru t'Għawdex biex jinqata' l-ħaxix ta' Triq Marġa. Il-Kunsill kien innota l-kontenut u kienu ser jintbagħtu l-ħaddiema biex jinqata'.

74.10.26 Talba mil-President tal-Għaqda "Il-Milied fix-Xagħra" is-Sur Elvin Borg fejn kien qed jitlob il-kollobarazzjoni tal-Kunsill biex jitellgħu diversi attivitajiet relatati ma-Milied It-talb hi dik ta' €2,000.

74.10.27 Talba mis-Sa Kelina Sultana residenta fi Triq Il-Ġnejna għal sinjali sofor quddiem id-dar tagħha ghax mhux qed tkun tista' tidħol id-dar bil-karozzi ipparkjati anke peress li l-bankina hi waħda baxxa. Il-membri preżenti qablu li din it-talba għandha tintbagħat lil TM.

74.10.28 Talba mis-Sa Victoria Mercieca biex isir ħaddida fi Triq 28 ta' April mal-parti fejn hemm sqaq minħabba dislivell li jaf ikun ta' periklu għal dawk li jgħaddu jimxu u għall-vetturi. Il-Kunsill waqt li nnota t-talba ddiskutta li l-isqaq hu privat.

74.10.29 Memo mid-Dipartiment tal-Kurja Primarja fejn qed jiġu mistiedna Kunsilli li jridu joffru s-servizz tat-tilqima kontra l-influenza kif kien isir qabel il-Covid. Il-Kunsill kien diġa' applika biex jingħata dan is-servizz bħas-snin preċedenti.

74.10.30 Korrispondenza minn Dr Marica Borg, segretarju fi ħdan il-Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq biex isir inspection fuq triq ġdida bla isem li l-Kunsill kien propona li tissemma Triq Il-Professur J.J. Cremona. Il-Kunsill

innota l-kontenut waqt li s-Segretarju kellha tiffissa appuntament biex isir site-visit.

74.10.31 Korrispondenza minn Dr Marica Borg biex il-Kunsill jipproponi isem għal sqaq bla isem fi Triq Il-Bullara u għal żewġ sqaqin fi Vjal 8 ta' Settembru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.10.32 Imejl mingħand is-Sur Paul Sultana fejn sostna li kemm ilha li Triq Jannar saret One-Way kellu tnaqqis sostanzjarju fil-bejgħ peress li l-one-way qed tagħmilha aktar diffiċli biex wieħed imur jixtri mingħandu. Tenna ukoll fl-istess imejl li meta l-pjazza qed tkun magħluqa, l-klijenti mhux qed ikunu jistgħu jmorru jixtru mingħandu. Il-Kunsill innota l-kontenut waqt li rrefera li din it-triq saret one-way wara studju li kien sar.

74.10.33 Talba mill-President tad-Dslyexia biex jinxtegħel sit storiku b'dwal turquoise biex titqajjem kuxjenza fuq din il-kundizzjoni.

74.10.34 Korrispondenza PA/00570/21- Notifika għall-rescheduling tas-smiegħ fuq l-applikazzjoni ta' dan il-permess.

74.10.35 Talba għar-rilaxxar tal-garanzija bankarja fuq żvilupp fi Triq Karkar. Ir-ritratti provduti juri li x-xogħol ġie komplut u l-kundizzjonijiet tat-triq baqgħu talikwali. Il-membru preżenti qablu li tingħata l-approvazzjoni.

74.10.36 Korrispondenza mill-Assistant Prinċipal rigward il-programm għad-Delegazzjoni tal-Futhure Project.

74.10.37 PC0049/23 Shifting of ailignment 2, 67, Triq Tal-Qacca and Pjazza San Anton, Xaghra- John Mary Frendo.

74.10.38 Talba mill-Għaqda Nar Xagħra għall-kollaborazzjoni fl-ikla li se tittella' fl-14 t'Ottubru 2023 bl-ammont ta' €800 li jkopri l-band u sound. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li l-kollaborazzjoni mill-Kunsill għandha tkun ta' €500.

74.10.39 Ilment anonimu fuq karozza mitfugħa f'għalqa f'Għajn Qamar biex titneħħa mill-Kunsill.

74.10.40 Talba mill-iscouts għall-kollaborazzjoni ta' €300 għall-tank biex jwassal l-ilma waqt il-camping. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu jikkoloborra.

74.10.41 Talba mis-Sa Stephanie Formosa biex jiżdied id-double yellow line quddiem ir-residenza tagħha għax mhux qed tkun tista' tuża l-garaxx. Il-Kunsill qabel li din it-talba kellha tintbagħat lil TM.

74.10.42 Ilment mis-Sur Oreste Galea rigward ħmieġ fi Triq Karkar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

74.10.43 Ilment mis-Sur Aaron Galea ta' 13, Triq Mannar rigward Triq Karkar biex din titwita u tinkesa bis-siment kif sar f'partijiet oħra.

74.10.44 Ilment mis-Sur Victor Refalo biex isir double yellow fi Triq Sant'Anton kantuniera ma' Triq Santa Verna u jsir double yellow line fi Triq Sant' Anton. Waqt li l-Kunsill qabel li l-linji sofor għandhom jiġu miżbugħa fil-kantuniera, t-talba għas-sinjali f'nofs Triq Sant'Anton kellha tgħaddi għand TM għall-approvazzjoni min-naħa tagħhom.

74.10.45 Talba mis-Sur Paul Stellini għal double yellow line mal-garaxx. Il-Kunsill qabel li dawn isiru kif tippermetti l-liġi.

74.10.46 Talba mis-Sa Marisa Cauchi fejn qed titlob lill-Kunsill biex jagħmel il-kaxxi tal-parkeġġ biex tissolva l-problema ta' konġestjoni ta' traffiku. Il-Kunsill irrefera għat-talba li kienet intbagħtet fuq l-istess ilment lil TM wara l-laqgħa Nru 72.

74.10.47 Talba għall-kollaborazzjoni ta' €1500 mill-Banda biex jiġi mtela' l-Akkademja Mużikali nhar il-Ħadd 29 t'Ottubru. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill kellu jikkollabora b'€600.

**74.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

74.11.1 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament mill-membri preżenti.

**74.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

74.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.34pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 7 ta' Novembru fil-5.00pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati illum ______**7 ta' Novembru 2023**_________________

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Aaron Agius** | **Marion Attard** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |